ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 490**

**It-Tnejn 19 ta' Frar, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 490.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

490.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 490.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

490.2.1 Il-minuti tal-486 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

490.2.2 Il-minuti tal-487 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

490.2.3 Il-minuti tal-488 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

490.2.4 Il-minuti tal-489 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

## 490.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

490.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet inbdiet l-aħħar fażi ta' xogħlijiet fi Triq il-Kunvent.

490.3.2 Is-Sindku qal illi kienet saret l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex isir xogħol ta' titjib fi Pjazza San Nikola. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien qed jistenna l-approvazzjoni mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun jista' isir ix-xogħol ta' titjib fi Pjazza San Nikola.

490.3.3 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx ser isir *underground parking* fi Pjazza San Nikola. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

490.3.4 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sur Manuel Vella, il-Koordinatur tar-Reġjun Xlokk tal-Valletta 18, ġiet diskussa l-possibilita` li ssir attività f'Ħaż-Żabbar nhar is-Sibt 9 ta' Ġunju 2018. Is-Sindku qal illi kien hemm il-ħsieb li matul din l-attività f'Misraħ is-Sliem ikun hemm *stage* b'arti tradizzjonali Maltija, Triq is-Santwarju jiġi armat *stage* b'mużika moderna, fil-venda l-antika ikun hemm *food court*, Triq il-Kbira tkun armata kollha umbrella, isir *projection* bid-dawl fuq il-knisja u tinġieb l-Orkesta Nazzjonali. Is-Sindku żied jgħid illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jiltaqa' mas-CEO tal-Valletta 18 sabiex jitkomplew id-diskussjonijiet dwar din l-attività.

490.3.5 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kienet ser tiġi tiswa l-attività li ser issir nhar is-Sibt 9 ta' Ġunju. Is-Sindku qal illi għalissa kien għadu qed jiġbor l-istimi u l-idejat għal din l-attività.

490.3.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien oġġezzjona formalment mal-Awtorita` tal-Ippjanar għall-applikazzjoni PA/11060/17 fejn qed jiġi propost żvilupp kummerċjali ta' stabbiliment b'parkeġġ ta' tmienja u għoxrin karozza li jinsab fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp.

490.3.7 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Nadia Abela dwar inċident li allegatament kellha fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar fejn talbet kumpens ta' €389.12 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamlet fil-vettura tagħha. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ma kienux ġew sottomessi ritratti flimkien mar-rapport. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

490.3.8 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Schembri dwar inċident li allegatament kellu fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €90.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

490.3.9 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Matthew Galea u mingħand is-Sinjura Francesca Abela dwar inċident li allegatament kellhom fi Triq iċ-Ċimiterju kantuniera ma' Triq il-Fiġel, Ħaż-Żabbar, fejn talbu kumpens ta' €3,885.01 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamlu fil-vettura tagħhom. Is-Sur Galea u s-Sinjura Abela allegaw illi ż-żamma tat-triq, s-sinjali u l-marki tat-toroq fil-post tal-aċċident ma kinux fi stat tajjeb. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

490.3.10 L-Aġent Segretarju semma l-ħtieġa li jingħata isem għal triq mingħajr isem fi Triq Santa Marija. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq sabiex din it-triq tingħata l-isem Triq il-Kappella.

490.3.11 Is-Sindku qal illi fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jiltaqa' mal-periti tal-Kunsill sabiex tiġi solvuta l-problema tal-*culverts* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Kbira peress illi kienu qed jisfrundaw.

490.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi Transport Malta kienet approvat il-permessi sabiex issir *traffic island* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' *Lantas Pet Shop* u sabiex il-*bus stop* li hemm fil-parti t'isfel ta' Triq is-Santwarju jitressaq fil-viċinanzi ta' Triq Felice. Is-Sindku żied jgħid illi dawn ix-xogħlijiet kienu mistennija jsiru fil-ġimgħat li ġejjin.

490.3.13 Is-Sindku qal illi matul il-ġimgħat li ġejjin kien ser ikun qed isir *refresh* tal-*hatching lines* li hemm fi Triq tal-Labour viċin it-*traffic lights* u *refresh* taz-*zebra*

*crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru 1797. Is-Sindku qal ukoll illi dan ix-xogħol mistenni jsir mill-Kunsill.

490.3.14 Is-Sur Roderick Vella semma l-ħtieġa li ssir *central strip* fi Triq ix-Xgħajra ma Triq Wied il-Għajn.

490.3.15 Is-Sindku tkellem dwar diversi lmenti li l-Kunsill jirċievi minħabba *double parking* li kien qed isir fi Triq Alessio Erardi u qal illi waqt laqgħa li kellu ma' Transport Malta ġiet diskussa l-possibilità li ssir *central strip* f'nofs ta' triq fi Triq Alessio Erardi u sabiex tidjieq il-bankina u b'hekk jonqos dan l-abbuż.

490.3.16 Il-Viċi-Sindku qal illi d-*double parking* fi Triq Alessio Erardi kien qed isir minħabba l-ħwienet eżistenti li hemm f'din it-triq. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li minflok issir *central strip* tul it-triq kollha isiru *bollards* tal-*plastic* quddiem il-ħwienet biss, dan peress illi fi Triq Alessio Erardi diġa hemm problema bl-ilma tax-xita u s-*central strip* tista' taffettwa d-direzzjoni tal-ilma li jkun nieżel fit-triq.

490.3.17 Is-Sur John J Pace talab li ssir *central strip* fi Triq il-Kittien fin-nofs tal-pjazza bil-għan li jkun hemm spazju għal aktar karozzi. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġerixxa li ssir *central strip* simili bħalma hemm fi Triq Castaldi. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm biżżejjed spazju fil-pjazza sabiex issir *central strip*.

490.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu ma' Transport Malta ġiet diskussa l-possibilità li ssir esproprjazzjoni tal-art fi Triq Bieb is-Sultan biex b'hekk tkun tista' tinfetaħ triq. Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa huwa qal illi l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li issir esproprjazzjoni tal-art fi Triq Bieb is-Sultan.

490.3.19 Is-Sinjura Anna Calleja talbet biex il-Kunsill jagħmel pressjoni mal-Gvern Ċentrali sabiex Triq Ħadd in-Nies u Triq in-Newl jiġu asfaltati peress illi hemm ħafna ħofor fondi.

490.3.20 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara d-deċiżjoni tal-Gvern Ċentrali rigward l-offerti sottomessi għas-sejħa dwar il-kuntratt għar-*resurfacing* ta' Triq Bormla, il-kumpanija *Rock Cut Limited* għamlet appell u l-proċess twaqqaf sakemm jinqata' l-appell.

490.3.21 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li Triq Bormla, magħrufa bħala Triq iċ-Ċawsli, tingħata l-isem Triq l-400 Mitt Sena Parroċċa.

490.3.22 Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

**490.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

490.4.1 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju, minn Triq Felice 'l isfel, kien hemm numru ta' globi li ma kienux qed jixgħelu.

490.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-ħarġa għall-anzjani li saret relatata mal-ftuħ tal-V18 kienet ta' suċċess.

490.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab biex tinżabar siġra fi Triq il-Kaħwiela kif ukoll biex jiġi rranġat ħajt tas-sejjiegħ perikoluż fl-istess triq.

490.4.4 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tinżabar siġra kif ukoll sabiex titnaddaf *soft area* li hemm quddiem Blokk F fi Triq il-Klin.

490.4.5 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien qed jerġa' jintrema l-iskart madwar l-*iskips* fi Triq iċ-Ċimiterju.

490.4.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-15 ta' Marzu kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

490.4.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser jitressqu numru ta' nies li nqabdu jarmu l-iskart bil-vettura tagħhom fi Triq Sant' Antnin.

490.4.8 Il-Viċi-Sindku qal illi xi residenti minn Triq it-Tut u mill-madwar kienu qed joħorġu l-borża tal-iskart minn nhar ta' Sibt filgħaxija.

490.4.9 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li jitwaħħal zokk ma' uħud mis-siġar li kienu tħawwlu fi Triq tal-Labour biex jagħti *support* lis-siġar. Is-Sur Buttigieg talab li jiġi rranġat l-*irrigation* tal-ilma li hemm fi Triq tal-Labour.

490.4.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser jitwaħħlu bankijiet ġodda fi Triq Bormla biswit il-funtana fil-viċinanzi ta' Bieb is-Sultan.

490.4.11 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex ikun hemm infurzar lokali fi Triq l-Iskola peress illi kien hemm xi vetturi li qed jgħaddu *wrong way*.

**490.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

Offerti għall-provvista u tħawwil ta' siġar u pjanti bl-użu ta' prodotti, sistemi u prattiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħala parti mill-*Urban Greening Project 2017*(ZLC 2/2018)

490.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ġie ffirmat il-ftehim li permezz tiegħu l-Kunsill kien ser jibbenefika minn €30,000 sabiex jiġu mħawwla siġar u arbuxelli f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti għat-tħawwil ta' siġar u arbuxelli f'Ħaż-Żabbar.

## 490.6 Ħatra ta' Kumitat t'Evalwazzjoni

Offerti għall-provvista u tħawwil ta' siġar u pjanti bl-użu ta' prodotti, sistemi u prattiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħala parti mill-*Urban Greening Project 2017* (ZLC 2/2018)

490.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sindku, lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv, lis-Sur Joseph Buttigieg, lis-Sur Robert Buhagiar u lis-Sur Brian Spiteri sabiex ikunu l-membri tal-kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-provvista u tħawwil ta' siġar u pjanti bl-użu ta' prodotti, sistemi u prattiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħala parti mill-*Urban Greening Project 2017* (ZLC 2/2018).

Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 1/2018)

490.6.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sindku, lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, lill-Viċi-Sindku, lis-Sur Joseph Buttigieg u lis-Sur Robert Buhagiar sabiex ikunu l-membri tal-kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 1/2018).

490.6.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu *written off* kompjuters antiki (LCZ00448) peress illi m'għadhomx tajba u m'għandx għandhom użu.

490.6.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi *written off* id-dawl tal-Mina ta' Hompesch (ZLC809/ ZLC809-2) mill-*Fixed Assets Register.*

490.6.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu *written off bush cutter* (LCZ00469), *impact drill* (LCZ00470) u *grinder* (ZLC848) mill-*Fixed Assets Register.*

## 490.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

490.7.1 Fuq proposta tas-Sur Julian Paul Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu mis-16 ta' Jannar 2018 sad-19 ta' Frar 2018 li kien jammonta għal €66,613.94.

490.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2018 li kien jammonta għal €34.35.

**490.8 Mozzjonijiet; u**

490.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**490.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

490.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-491 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu, 2018.

IFFIRMATA
Marc Vella Bonnici
Sindku